**SWIEQI LOCAL COUNCIL**

**LAQGĦA KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-MADLIENA LI SARET NHAR IT-TLIETA 8 TA' FRAR 2011 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| **F.S.** | **FRANK SALT** | **CHAIRPERSON** |
| **M.A.** | **MARYANNE ABELA** | **VIĊI CHAIRPERSON** |
| **W.F.** | **WALLACE FARRUGIA** | **MEMBRU** |
| **A.C.** | **ALEX CHETCUTI** | **MEMBRU** |
| **A.P.** | **ANNA PARIS** | **MEMBRU** |
| | | |
| **C.S.** | **CARMEN SAID** | **SINDKU** |

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1. Il-minuti tas-Seduta numru 7 ġew approvati. M.A. ipproponiet u F.S. ssekonda.

**II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

1. F.S. informa dwar il-possibilta' li l-Kumitat Amministrattiv jifforma team fil-facebook (group). Il-Kumitat qabel ma dan is-suġġeriment u għaldaqstant ġie deċiż li għandha tiġi iddentifikata persuna intiża fuq dan ix-xogħol.

**HUGH ZAMMIT** — **FRANK SALT**
**EXECUTIVE SECRETARY** — **CHAIRPERSON**

2. W.F. staqsa jekk waslitx xi risposta mingħand Dr. Said dwar il-ħajt fil-junction ta' Triq il-Gladjoli ma' Triq il-Bir. Hu ġie infurmat li għad ma waslet l-ebda risposta. Dak il-ħin ic-Chairperson għamel kuntatt ma' Dr. Said dwar il-problema imsemmija. Waqt it-telefonata ġie ikkonfermat li dawn ix-xogħlijiet jistgħu jibdew hekk kif ġie deċiż mill-Kumitat Amministrattiv.

3. W.F. informa li hu kellu kuntatti mad-dipartiment tad-dranaġġ dwar il-problema tad-dranaġġ f' Busietta Gardens. Hu ġie infurmat li kollox ippjanat biex isir pumping station u l-mains pero'għad ma hemmx data meta ser jibda x-xogħol.
W.F. informa wkoll li ix-xogħlijiet ta' trinek għal mains tad-dranaġġ fi Triq is-Sebħ bdew.

4. F.S. informa li t-toroq li tlestew sa issa jidhru li ġew magħmulin sewwa kif ukoll li saru b'ritmu mgħaġġel. Hu irringrazzja lil Perit Wallace Farrugia għall inizjattiva li hu qed jiehu.

5. F.S. informa li meta jinxtraw il-bankijiet li ser jiġu installati fiż-żona tal-Madliena, dawn jitwaħħlu meta jitlestew ix-xogħlijiet tat-tarmak.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

1 W.F. staqsa dwar il-bankini ta' Triq il-Madliena u Triq il-Majjistral. Hu ġie infurmat li dalwaqt isir laqgħa mall-Perit tad-distrett biex dawn ix-xogħlijiet jiġu inklużi fil-proġett ta' bankini.

2 Minħabba li fi Triq il-Harrub hemm ġiebja, il-Kumitat talab f' din it-Triq tiġi installata tabella "No Heavy Vehicles." L-istess tabella tiġi installata wkoll fin-naħa ta' fuq Triq il-Prekursur.

3 M.A. staqsiet li hi qed tiltaqa' ma' l-awtoritajiet ikkonċernati dwar id-devoluzzjoni tal-Medical Stores fi Triq ta' Stronka kif ukoll f' Ta' Fort Madliena.

4 W.F. informa li ċediet parti minn Triq il-Ħummejr eżatt fejn qed isir kostruzzjoni. Ġie deċiż li għandha tiġi infurmata il-MEPA sabiex dawn ma jirrilaxxawx il-garanzija bankarja ta' l-applikant qabel ma jitranġaw il-ħsarat.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 u sar aġġornament għal Hamis 10 ta' Marzu 2011.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **FRANK SALT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **CHAIRPERSON** |